**29 ta' Mejju 1967.**

***Imħallfin:—***

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto

*versus*

Nobbli Charles Vella Bonavita et nomine.

## Leġittima — Eredita — Legat — Aċċettazzjoni ta' — Testment.

*L-aċċettazzjoni ta' legat tista tkun sew taċita kif ukoll espressa. Fil-każ ta' legat japplikaw l-istess regoli dwar l-aċċettazzjoni tiegħu li mil-liġi huma mposti għall-aċċettazzjoni tal-eredita.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Regina li bih l-attur, — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jittieħdu l-provvedimenti opportuni u neċessarji — premess li l-imsemmija Nobbli Maria armla mill-Kaptan Charles Ferro mietet fit-18 ta' Settembru, 1961, (Dok. 'B' esibit maċ-ċitazzjoni) bit-testment fuq riferit fejn, barra xi legati, ħalliet eredi proprietarji tagħha fin-nofs lit-tfal imwieldin u li għad jitwieldu mill-konvenuta Mary Vella Bonavita, binitha, u fin-nofs l-ieħor lit-tfal li għad jitwieldu mill-attur, binha; u premess li l-attur ma aċċettax il-legat tal-usufrutt lilu mħolli minn

ommu u għażel li jikkonsegwixxi l-leġittima skond *il-liġi*, u premess illi l-attur, nonostanti varji tentativi, ma rnexxilux jottieni bonarjament *il-ħlas ta' din* il-leġittima, u premess li l-attur u l-konvenuta Mary Vella Bonavita għandhom ukoll in *komuni* bejniethom *l-oġġetti* deskritti fin-nota *esibita* maċ-ċitazzjoni (Dok. C) u varji oġġetti oħra li jirriżultaw fil-kawża talab li: (1) *jiġi likwidat* l-assi tan-*Nobbli Maria* Ferro Attard Montalto billi jiġi dikjarat li jikkonsisti fis-*sostanzi* fil-prospett Dok. 'D' *esibit* maċ-ċitazzjoni *u f'sos*-tanzi oħra li *jirriżultaw* fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) tiġi *likwidata* l-leġitima *li tmiss lill-attur* fuq l-assi fuq *likwidat*; (3) jiġu assenjati lill-attur tant beni biex jikkorrispondu għal-leġittima likwidata — wara li jsiru d-deduzzjonijiet preskritti mil-liġi.

Omissis

Rat in-nota *tal-eċċezzjonijiet* ulterjuri *tal-konvenuti* Mary u Charles Vella Bonavita li biha qalu illi l-attur diġà aċċetta beni tal-eredità *akkont* ta' sehmu u għalhekk *ma* jis-tax issa jitlob li jieħu l-leġittima.

Rat id-digriet ta' l-istess Qorti tas-7 ta' Marzu, 1966 *illi* bih, fuq rikors tal-partijiet, issostitwiet lil Professur Dot-tor Victor Caruana, l-amministratur tal-assi ereditarju, bħa-la kuratur biex *jirrappresenta* l-konvenut *naxxituri* kif mitlub mill-partijiet, għal Maria Vella Bonavita u għan-Nutar Dottor *Alexander* Sceberras Trigona *li* bħala kura-turi ġew maħruġin barra mill-kawża;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-istess Professur Dottor Victor Caruana *nomine* li biha qal illi l-attur *ma* jistax jit-lob il-leġittima peress li huwa kien aċċetta d-disposizzjoni-jiet testamentarji tad-"decujus".

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Diċembru, 1966 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari li l-attur kien ġa aċċetta d-disposizzjonijiet testamentarji u għalhekk ma jistax issa jitlob il-leġittima, spejjeż mingħajr taxxa, —

Omissis

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni tal-Professur Dottor Victor Caruana nomine u tan-Nobbli Mary Vella Bonavita li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari tagħhom bl-ispejjes.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Id-decujus mietet fit-18 ta' Settembru, 1961 b'testment sigriet li bih, apparti disposizzjonijiet partikolari oħra, ħalliet l-użufrutt universali ta' l-assi tagħha nofs lill-appellat binha u nofs l-ieħor lill-appellanti Mary Vella Bonavita bintha, u bħala eredi proprietarji istitwiet, kwantu għan-nofs, lit-tfal u dixxendenti ta' l-appellat jekk ikollu, u kwantu għan-nofs l-ieħor, lit-tfal u dixxendenti ta' dik l-appellanti.

L-appellat ma jridx jaċċetta il-legat ta' użufrutt imħolli lilu kif fuq intqal u jrid, minflok, jieħu l-leġittima spettanti lilu skond il-liġi.

It-teżi ta' l-appellanti hija illi l-appellat ġa taċitament aċċetta d-disposizzjonijiet testamentarji ta' ommu u, għalhekk, ma jistax issa jopta li jieħu l-leġittima.

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' l-

appellanti. L-ilment tagħhom kontra dik id-deċiżżjoni issa huwa illi dik l-Onorabbli Qorti ma kienitx korretta meta applikat 'di peso' il-prinċipji li jiggovernaw l-aċċettazzjoni taċita ta' eredita għall-aċċettazjoni taċita ta' legat (kif inhu il-każ preżenti), mentri — jgħidu l-appellanti fiż-żewġ każijiet huma raġonevolment miżmumin distinti fid-dottrina b'manjera tali illi waqt li għall-aċċettazjoni taċita ta' l-ereditá l-att għandu jkun tali li neċessarjament jippresupponi il-volontà li taċċetta, din il-kondizzjoni m'hiex rikjesta għall-aċċettazzjoni taċita ta' legat: f'dan il-kamp hu biżżejjed illi l-interpretazzjoni ragonevoli ta' l-atti tal-legatarju tkun li hu aċċetta il-legat u mhux leċitu għal-legatarju, wara li jarġa' jaħsibha u jindem mill-aċċettazzjoni li jkun għamel, iġib il-quddiem xi pretest biex jagħti lill-kondotta tiegħu spjegazzjoni mhux raġonevoli: Fis-sottomissjoni ta' l-appellanti, jekk għall-atti ta' l-appellat jiġi applikat dan il-kriterju korrett, għandu jingħad, kontrarjament għal dak li ġie ritenut fis-sentenza appellata, illi hu aċċetta l-legat ta' użufrutt imħolli lilu, kif fuq intqal, fit-testment ta' ommu.

Rigward l-ewwel parti ta' dan l-ilment ta' l-appellanti hu veru illi fis-sentenza appellata l-ewwel Onorabbli Qorti irritieniet illi "għad-deċiżżjoni tal-kwistjoni jekk l-attur aċċettax irrevokabilment li joqgħod għat-testment li ħallielu l-legat ta' uzufrutt, b'mod li ma jistax iżjed jopta li jieħu l-leġittima, għandhom jiġu adottati l-istess prinċipji applikabbli għall-aċċettazjoni ta' eredità la partı ta' eredi imsejjaħ għall-wirt". Dawn il-"prinċipji" huma kontenuti fid-disposizzjoni ta' l-artikolu 891 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid

"(1) L-aċċettazzjoni (ta' eredita).. tista' tkun espressa inkella taċita.

(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalita ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata,

(3) *Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors* ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet."

Dan l-artikolu tal-liġi tagħna hu identiku għall-artikolu 934 tal-Kodiċi Ċivili Taljan ta' l-1865 u għall-artikolu 778 *tal-Kodiċi Napoleone.*

Peress illi f'dawn il-Kodiċijiet ukoll, bħal fil-Kodiċi tagħna, ma kien hemm ebda disposizzjoni espressa dwar l-aċċettazzjoni ta' legat qamet il-kwistjoni jekk l-imsemmija disposizzjoni speċifika rigwardanti l-aċċettazzjoni ta' l-eredita *għandhiex wkoll tapplika b'analoġija għall-aċċettazzjoni* ta' legat. "Bisogna distinguere", qal Laurent; "L'applicazione analogica suppone che si tratti di regole generali che, per loro natura, si applicano dal momento che vi sono i medesimi motivi di decidere. Ma le disposizioni eccezionali non si estendono per via di analogia, perchè dal momento che *non si è nel caso dell'eccezzione prevista* dalla legge, si rientra nella regola: il che torna a dire che il solo legislatore può creare eccezioni......

L'articolu 778 dice che l'accettazione può essere espressa o tacita. Questo principio è egualmente generale, poichè *l'accettazione* è *un consenso*, ed ogni consenso può essere espresso o tacito. Dunque il legatario può accettare il legato espressamente o tacitamente. L'articolo 788 definisce l'accettazione espressa: esso esige che l'erede assuma il titolo o la qualità di erede in un atto autentico o privato. Qui la legge deroga ai principii generali; il consenso espresso non richiede *punto* alcuno scritto; donde segue che l'accettazione espressa del legatario non deve farsi per atto; essa rimane soggetta ai principii generali...sulla manifestazione del consenso. L'articolo 778 definisce altresi l'accettazione tacita: è un atto fatto dall'erede che suppone necessariamente la sua

intenzione di accettare, e che egli non ha il diritto di fare che nella sua qualità di erede. Abbiamo spiegato altrove questa disposizione, **la quale non fa che applicare all'accettazione di una eredità il principio del consenso tacito. Questo medesimo principio si applica all'accettazione dei legati.** Il legatario accetta tacitamente quanto ——— in essere un atto cui non può darsi altra interpretazione che quella della volontà di accettare il legato; tale sarebbe.........Vi sarebbe amessa accettazione tacita se il legatario si comportasse da proprietario della cosa legata. **Essendo il principio lo stesso che in materia di successione, noi rinviemo a quanto è stato detto sull'accetazione dell'eredita".** (Princ. di Dir. Civ. Ed. 1884 Vol. XIII § 550 p. 843-4).

Fil-fehma ta' dan l-awtur, mela, id-disposizzjoni ta' l-liġi li tirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' l-eredità, **tapplika wkoll, għal dik li hi aċċettazzjoni taċita, għall-aċċettazzjoni ta' legati**: jekk għal dik id-disposizzjoni għandhom isiru xi modifiki fl-applikazzjoni tagħha għall-aċċettazzjoni ta' legati, dan hu rigward biss l-aċċettazzjoni **espressa.**

**Identika** hi d-dottrina ta' Baudry-Lacantinerie. Dan l-awtur wkoll, fil-waqt illi jgħid illi, għall-aċċettazzjoni espressa ta' l-legati wieħed għandu joqgħod għad-dritt komuni u ma jissubordinax l-eżistenza u perfezzjoni tagħha għal konstatazzjoni bil-miktub (kif preskritt għall-aċċettazzjoni ta' l-eredità), invece, għall-aċċettazzjoni taċita "ciò che l'art. 778 Cod. Civ. (934 Cod. Civ. ital.) **dice dell'acettazione tacita dell'eredità deve — non vi ha dubbio — essere esteso all'accettazione tacita dei legati.** Un atto emanente dal legatario **non può dunque importare accettazione tacita del legato se non in quanto questo atto implichi necessariamente da parte del legatario l'intenzione di accettare il legato e non possa essere fatto da lui che nella qualità di legatario."** (Tratt. di Dir. Civ. Dei Testamenti Vol. II §§ 2274-2275 pp.

190-191).

Identika ukoll hi l-opinjoni ta' Planiol et Ripert, ċitat ukoll mill-appellanti. "Comme en matriere de succession, l'acceptation potre etre espresse, mais l'art. 778 d'apres lequel l'acceptation est espresse 'quand on prend le titre on la qualità l'heritier dans un acte authentique ou prive', ne parait pas devoir s'appliquer aux legs. **On n'a jamais dontè de la possibilitè d'une acceptation tacite comformemente a l'art. 778"** (Droit Civil T.5 § 631 p. 666).

Dana kollu juri illi, mill-kommentaturi stess invokati mill-istess appellanti fin-nota tagħhom ma tidhirx konvalidata s-sottomissjoni tagħhom hawn fuq imsemmija fis-sens illi skond id-dottrina il-prinċipji li jirregolaw l-aċċettazzjoni taċita tal-legati huma diversi minn dawk li jiggovernaw l-aċċettazzjoni taċita ta eredità; għall-kuntrarju juru illi għall-aċċettazzjoni taċita tal-legati huma applikabbli l-istess prinċipji kontenuti fid-disposizzjoni tal-Kodiċi Ċivili rigwardanti l-aċċettazzjoni taċita ta' eredità. Dan hu hekk skond dik id-dottrina preċiżament għaliex dik id-disposizzjoni, għar-rigward ta l-aċċettazzjoni taċita, ma tagħmilx ħaġa oħra ħlief timmodifika *id-dritt komuni* rigward il-konsens taċitu, u tista' għalhekk tiġi applikata b'analoġija.

Mill-awturi kollha ċitati, hu biss Paċifiċi Mazzioni li jisprimi dubju Dan l-awtur difatti, wara li jgħid, fil-bran ċitat mill-appellat, :—

"Insegno che come l'accettazione tacita della eredità, così quella dei legati non può risultare che da un atto il quale presupponga necessariamente la volontà del legatario di accettare il legato, e che non avrebbe il diritto di fare se non nella qualità di legatario; poichè la disposizione ultima dell'articolo 934 applica all'accettazione tacita della eredità

al principio del consenso tacito; il qual principio quindi per se stesso e, se vuolsi ancora, per analogia governa l'accettazione tacita dei legati" — ikompli jgħid immedjatament wara — (*u l-Qorti jidhrilha illi, għall-korrettezza u l-lealtà din il-parti ma messhiex ġiet omessa fiċ-ċitazzjoni magħmula mill-appellat*) —

"Ho qualche dubbio sull'applicazione pura e semplice della disposizione anzidetto in quanto esige che l'atto presupponga **necessariamente** la volontà di accettare; questa condizione non è di diritto comune, e non è nei legati giustificato dalle regioni per cui è imposta, riguardo alla accettazione di eredità; l-erede succede anche nelle obbligazioni che possano superare le forze attive della eredità; il legatario invece non è esposto mai a veruna perdita, e lucra presso che sempre. In somma parmi che debbasi l'accettazione dei legati ammettere più facilmente che quella dell'eredità."

Din il-Qorti, però ma tħossiex ġustifikata minħabba dan id-dubju espress minn dak l-awtur, indubbjament insinji, li tiddispartixxi mid-dottrina li tidher kif intqal, ġeneralment abbraċċjata. Del resto, anki jekk minflok il-kriterju taċ-"certezza assoluta", impliċita fil-kelma "necessariamente" wieħed kellu, għal grazzia ta' l-argoment, jadotta il-kriterju tal-"ċertezza morali' jibqa' xorta waħda veru illi sempliċi konġetturi ta' probabilita ma huma qatt biżżejjed biex jiddistingwu dritt ċert fuq il-bażi ta' inferenza jew illazjoni: l-univoċita ta' l-att jew fatt li minnu trid tinġibed id-deduzzjoni hija lejjem neċessarja.

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti, għandux, jingħad illi l-appellat għandu jitqies li aċċetta id-disposizzjonijiet tat-testment b'mod illi hu ma jistax iżjed jitlob li jieħu il-leġittima.

Fuq din il-kwistjoni din il-Qorti, wara li ħasbet ħafna, ma jidhriliex li hemm raġunijiet biżżejjed biex tiġi revokata l-konklużjoni raġunata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Id-decujus mietet, kif ġa intqal, fit-18 ta' Settembru, 1961. Il-qasma ta' xi oġġetti bejn l-appellanti Mary Vella Bonavita u l-appellat saret ftit żmien wara — Laħqu inqasmu oġġetti b'xi valur ta' £85 kull naħa u l-appellat qal, u ma ġiex kontradett, illi fost l-oġġetti maqsuma kien hemm ukoll ħwejjeġ li ma kienux jappartienu lill-assi tad-decujus iżda kienu jappartienu lill-assi tal-missier, premort. Jidher mill-provi illi, għall-finijiet ta' dik il-qasma, ma saritx stima dettaljata ta' kull oġġett dak iż-żmien u anqas kien hemm l-idea li dawk l-oġġetti li inqasmu jiġu stmati u imdaħħla fl-inventarju li kien ser isir ta' l-assi tad-decujus. L-istima u l-lista tagħhom saru wara: dak iż-żmien saru biss mill-irkantatur Gingell żewġ lottijiet ta' valur komplessiv bejn wieħed u ieħor ugwali, li mbagħad ġew imtellgħin bix-xorti.

L-appellat jgħid illi hu qasam dawk l-oġġetti għax deherlu li xi oġġetti oħra kienu naqsu kien jibża' illi setgħu jonqsu oħrajn. L-appellanti Mary Vella Bonavita ċaħdet kategorikament illi hi ħadet xi oġġetti. Iżda, fil-fehma tal-Qorti trattandosi ta' interpretazzjoni ta' intezjoni u volontà, dak li verament rilevanti hu x'ħaseb l-appellat, anki jekk talvolta ħaseb ħażin. U jidher illi dak li jgħid li ħaseb u issuspetta l-appellat mhux xi pretest eskoġitat issa wara li inqalet il-kwistjoni, iżda stat ta' moħħ li tassew kien jeżisti dak iż-żmien. Dan jidher konfermat mix-xhieda ta' Albert Gingell: anki lilu l-appellat kien qallu, dak iż-żmien li kienu qed jaqsmu, illi kien hemm affarijiet nieqsin, kif qallu ukoll illi, fost l-affarijiet li kienu ser jaqsmu, kien hemm affarijiet tal-wirt ta' missieru u mhux t'ommu.

It-teżi ta' l-appellat hi illi hu qasam dawk l-oġġetti biex

jassigura l-interessi eventwali tiegħu dwar l-assi u mhux bil-ħsieb li definitivament jaċċetta t-testment ta' ommu. Fil-fehma tal-Qorti din m'hix spjegazzjoni inverosimili jew arkitettata wara li inqalgħat il-kwistjoni. Difatti l-attitudini ta' l-appellat, wara l-mewt ta' ommu, tidher li kienet aktarx illi, bi ftehim ma oħtu, dak it-testment sata' b'xi mod jiġi imwarrab u isir xi arrangament bonarju aċċettabbli lilhom it-tnejn. Anki din, peress illi kien hemm involut interessi ta' tfal minuri u ta' tfal naxxituri, setgħat kienet idea żbaljata; iżda jekk l-appellat tassew ħaseb li dak sata jsir, l-interpretazzjoni ta' l-att tiegħu ma tistax tipprexindi minn dak il-ħsieb.

Fil-fehma tal-Qorti hi importanti u illuminanti bosta, irraġuni għaliex, il-qasma bonarja ta' l-oġġetti ma tkomplietx. Ġie mument li l-appellanti Mary Vella Bonavita wriet lill-appellat il-karta iffirmata mid-decujus li hemm kopja tagħha u li fiha id-decujus kienet iddikjarat li kellha xi flus f'idejn l-appellat u li lilu kienet ukoll avanzat flus b'self. L-appellat deherlu illi oħtu kienet ħarġet b'dik il-karta biex tonsbu u tikkostrinġih jiddeċidi biex joqgħod għat-testment u hu, allura, irrifjuta li jkompli jaqsam. Din hi spjegazzjoni li tidher għal kollox ġenwina u verosimili. Kieku l-appellat kien tassew dak iż-żmien ġa iddeċida li jaċċetta t-testment, dik il-karta ma kienet tagħmillu assolutament ebda differenza, għax l-appellanti stess jammettu illi, fl-ipotesi li l-appellat kellu jieħu l-użufrutt, is-somom imsemmija f'dik il-karta ma kienux konferibbli. Invece, id-dikjarazzjoni kontenuta f'dik il-karta setgħat tinteressa u tallarma lill-akkużat jekk hu kien jieħu il-leġittima; u fil-fatt allarmatu preċiżament għaliex hu kien għadu jaħsibha jekk jieħu il-leġittima.

Li dak kien l-iskop ta' dik id-dikjarazzjoni tad-decujuż, ċioè li tiddistolji lill-appellat milli jopta għal-leġittima, jidher konfessat fl-ittra fol. 94. L-appellat jidher li kien sar jaf

bit-testment, qabel il-mewt tad-decujus, xi żmien wara li kien sar fil-1954. Hu xehed illi meta sar jaf bit-testment hu beda minn dak iż-żmien jaħsibha, anzi kważi iddeċida li jieħu l-leġittima. Evidentement l-omm, saret taf b'dan, u allura appuntu biex eventwalment, meta jasal iż-żmien, l-appellat ikollu raġuni biex jippreferixxi li jaċċetta it-testment, kif hi xtaqet, għamlet dik id-dikjarazzjoni. L-ittra fuq imsemmija tal-Professur Caruana indirizzata lill-Imħallef Magri jgħid hekk:

> "Mi recordo della dichiarazione firmata dalla madre e (non occorre assicurarla) che quella dichiarazione è tutto farina del suo sacco e mi fu dettata (quanto al contenuto dalla **stessa e che venne provocata dalle minacce di Rosario (venuto a sapere del secondo testamento) che egli avrebbe domandato la legittima e così mandato a monte il secondo testamento**......" (tipi grassi ġie miżjud mill-Qorti).

Dan vwoldiri illi, sa minn qabel il-mewt, l-appellat kien qed juri illi l-intenzjoni tiegħu kienet li ma jaċċettax it-testment u jirreklama il-leġittima. L-omm għamlet dik id-dikjarazzjoni, biex eventwalment tista' tiġi użata ħalli ġġegħelu joqgħod għat-testment. Xi bżonn kellha l-appellanti turiha lill-appellat kieku m'hux appuntu għal dik ir-raġuni? Hi stess, fix-xhieda tagħha, ma issuġġeriet ebda spjegazzjoni oħra. U xi bżonn, allura, kien hemm li tagħmel dak l-użu, dak il-waqt, jekk, kif issa qed issostni, hu kien ġa wera li kien kuntent bit-testment?

Dak li ġara wara, jallaċċja ruħu ma' l-anteċedent. Sa minn qabel il-mewt l-appellat kien wera preferenza jew inklinazzjoni għal-leġittima. Immedjatament wara l-mewt hu ħaseb, li billi jagħmel paċi u jmur tajjeb ma' oħtu, hu sata' b'xi mod iwarrab it-testment u jaqsam b'mod li jiġu soddis-

fatti dawk li, tajjeb jew ħażin, kien jaħseb li kienu l-interessi leġittimi tiegħu. L-appellanti stess xehdet illi "fil-granet li kienu marru jaqsmu, l-appellat kien qalilha illi issa jeħilsu mill-esekutur testamentarju u mill-ħbieb li kienu qed jgħinu lilha, ħalli jagħmlu l-affarijiet aħjar bejniethom" (fol. 73). Malli ħaseb li oħtu kienet ser tipprova tikkostrinġih jaċċetta t-testment, hu smetta dak it-tentattiv u raġa' beda jinsisti fuq id-dritt tiegħu li jagħżel, wara li jkun ivverifika x'kien l-aktar jikkonvenilu. L-appellanti Mary Vella Bonavita xehdet (fol. 72) illi, wara l-mewt ta' l-omm "il-leġittima ta' ħuha ma ssemmietx ħliet wara snin; nista' ngħid li kienet tliet snin għaliex ma kontx rajt wiċċha iżjed minn dak inhar li telaq." Dan hu deċiżament smentit mill-korrispondenza eżibita. Għalkemm din tidher li mhiex kompleta, li turi bla dubju illi d-diskussjonijiet fuq il-kwistjoni bdew ftit xhur wara l-mewt, għal ħabta ta' Jannar jew Frar, 1962.

U dawn id-diskussjonijiet tkomplew **għal snin sħaħ, dejjem fuq il-bażi li lill-appellat kien qed jiġi rikonoxxut, miż-żewġ appellanti, jew insomma ma kien qed jiġi bl-ebda mod kontestat id-dritt li hu jażgħel jekk irid il-leġittima.** Dawn id-diskussjonijiet assolutament ma kellhomx bħala punt kontravers l-eżerċizzju ta' dak id-dritt da parti ta' l-appellat: dak id-dritt kien kif intqal, ammess jew bl-ebda mod kontestat u għalhekk id-diskussjonijiet u t-trattativi ma setgħux saru "bla preġudizzju" ta' dik il-kwistjoni: il-kwistjoni diskussa u trattata, kienet, inveċe, biss kif setgħat issir il-likwidazzjoni in esekuzzjoni appuntu, ta' l-eżerċizzju ta' dak id-dritt.

Ga ġie relevat illi d-diskussjonijiet u t-trattativi fuq dik il-bażi saru għal snin sħaħ (fuq tliet snin) tant ma l-appellanti Mary Vella Bonavita kemm ma l-appellant l-ieħor, esekutur testamentarju u Amministratur ta' l-assi. S'intendi il-Qorti tifhem illi dan kollu sar, speċjalment da parti tal-

Professur Caruana bl-aħjar motivi biex jekk jista' jkun tinsab soluzzjoni bonarja, fl-interess tal-paċi u relazzjonijiet familjari aħjar bejn iż-żewġ aħwa: iżda dan ma jistax, fil-fehma tal-Qorti, jiddistruġġi jew jinnewtralizza l-fatt illi, jekk il-lum wieħed jista' b'xi mod jitkellem fuq ravvidiment jew 'second thoughts', dan japplika wisq iżjed għall-appellanti milli għall-appellat.

U d-dritt ta' l-appellat li jopta għal-leġittima, nonostanti li l-fatt tal-qasma ta' xi mobbli, kif intqal, kien ġara f'Settembru — Diċembru 1961 — mhux talli ġie lilu rikonoxxut jew mhux kontestat fit-trattativi u diskussjoni li damu sejrin għal kważi erba snin, iżda talli, da parti ta' l-appellanti Mary Vella Bonavita, ġie anki formalment rikonoxxut anke wara li saret iċ-ċitazzjoni preżenti f'Settembru 1965 meta hi ppreżentat l-ewwel nota ta' eċċezzjonijiet tagħha f'Novembru, 1965 u sa kemm ġiet sollevata l-eċċezzjoni ulterjuri fi Frar ta' l-1966.

Għalhekk il-Qorti jidhrilha, bla ma tidħol f'dettalji u fi kwistjonijiet legali oħra li ssemmew imma li ma jidhrux neċessarji għall-finijiet ta' dan l-appell, illi l-ilmenti ta' l-appellanti ma jistgħux jiġu milqugħa.

U kwindi il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti u tordna li l-atti jiġu rinvjati lil-ewwel Onorabbli Qorti għal kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.